



**KUNSILL
TAL-UNJONI EWROPEA**

**Brussell, 17 ta' April 2009 (24.04)
(Or. en)**

8383/09

**Fajl Interistituzzjonali:
2008/0154 (COD)**

**CODEC 495
ENV 281**

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-parteċipazzjoni volontarja ta' organizzazzjonijiet fi skema Komunitarja ta' ġestjoni u verifika ambjentali (EMAS) – Eżitu tal-ewwel qari tal-Parlament Ewropew (Brussell, 1 sat-2 ta' April 2009)

I. INTRODUEZZJONI

Ir-Relatriċi, is-Sinjura Linda McAVAN (PSE - Renju Unit), ippreżentat rapport fisem il-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel.

F'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 251(2) tat-Trattat KE u d-dikjarazzjoni konġunta dwar arranġamenti prattiċi għall-proċedura ta' kodeċiżjoni ¹, seħħew numru ta' kuntatti informali bejn il-Kunsill, il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni bil-ħsieb li jintlaħaq qbil dwar dan id-dossier fl-ewwel qari, u b'hekk tiġi evitata l-ħtieġa għat-tieni qari u għall-konċiljazzjoni.

¹ ĠU C 145, 30.6.2007, p. 5.

F'dan il-kuntest, il-gruppi politiċi PSE, PPE-DE, ALDE, Verts/EFA, GUE/NGL u UEN ippreżentaw emenda ta' kompromess oħra. Din l-emenda ta' kompromess, meħuda waħedha, tikkorrispondi mal-ftehim li ntlaħaq waqt il-kuntatti informali msemmija hawn fuq.

II. DIBATTITU

Għad-dettalji dwar id-dibattitu, li sar fit-2 ta' April 2009, jekk jogħġbok ara d-dokument 8380/09.

III. VOT

Meta vvotat fit-2 ta' April 2009, il-plenarja adottat l-emenda ta' kompromess għall-proposta għal Regolament. L-ebda emenda oħra ma ġiet adottata. L-emenda adottata tikkorrispondi ma' dak li kien miftiehem bejn it-tliet istituzzjonijiet u għandha għalhekk tkun aċċettabbli għall-Kunsill. B'konsegwenza ta' dan, ladarba l-ġuristi-lingwisti¹ jkunu analizzaw it-test bir-reqqa, il-Kunsill għandu jkun f'pożizzjoni li jadotta l-att leġislattiv.

Ir-risoluzzjoni tal-leġislazzjoni tal-Parlament ma tistabbilixxix l-emenda adottata fil-forma li biha kienet ippreżentata lil, u adottata mill-plenarja, iżda minflok tistabbilixxi t-test tal-proposta tal-Kummissjoni kif modifikat bl-emenda. It-test tar-risoluzzjoni leġislattiva huwa anness għal din in-nota.

¹ Id-delegazzjonijiet b'osservazzjonijiet legali lingwistiċi jistgħu jibagħtuhom lis-segretarjat tas-servizz tal-ġuristi-lingwisti tal-Kunsill (secretariat.jl-codecision@consilium.europa.eu) sat-8 ta' Mejju 2009, sabiex iħejju aħjar il-laqgħa tal-ġuristi-lingwisti mal-esperti nazzjonali.